A.L. 46 ta' l-2007

ATT DWAR L-IMPIEGI U RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Impjegati *Part-Time* għal Servizz mal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48 ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Impjegati *Part-Time* għal Servizz mal-Gvern.

Applikabilità għall-Gvern.

2. L-artikolu 25 ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali u kull regolamenti jew ordnijiet maħruġin taħt dak l-artikolu, għandhom ikunu applikabbli għal servizz mal-Gvern.